**PARLAMENT TA’ MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 460

It-Tlieta, 28 ta’ April, 2026 fl-4:00 p.m.

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI**

* **33206.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi

Jista’ l-Ministru jgħid jekk ġewx sospiżi jew posposti xi proġetti ta’ housing soċjali taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista’ jgħid ukoll jekk kienx hemm valutazzjoni dwar l-impatt soċjali ta’ dawn id-deċiżjonijiet fuq il-familji li kienu qed jistennew akkomodazzjoni affordabbli?

19/12/2025

* **33207.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi

Jista’ l-Ministru jgħid kif iż-żieda fl-onorarja tad-diretturi tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament hija ġustifikata, fid-dawl tal-qagħda finanzjarja tal-kumpanija u l-waqfien ta’ proġetti soċjali?

19/12/2025

* **33208.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi

Jista’ l-Ministru jgħid jekk hemmx linji gwida tal-Gvern jew tal-Ministeru tal-Finanzi dwar żidiet fir-remunerazzjoni ta’ diretturi ta’ kumpaniji b’sehem pubbliku? Jekk hemm, jista’ l-Ministru jgħid jekk dawn il-linji gwida ġewx osservati fil-każ ta’ żidiet lid-diretturi tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

19/12/2025

*	**33209.**	**L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Finanzi

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru jew entità oħra ta' superviżjoni eżerċitatx oversight fuq id-deċiżjoni ta' żidiet lid-diretturi tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

19/12/2025

*	**33210.**	**L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Finanzi

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kumpanija, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, żiditx l-onorarja tad-diretturi tagħha f'perjodu ta' restrizzjonijiet finanzjarji?

19/12/2025

*	**33211.**	**L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Finanzi

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jiġi kkunsidrat ri-eżami tal-istruttura ta' governanza u remunerazzjoni tal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

19/12/2025

*	**35156.**	**L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li attendew korsijiet tal-MG2i fl-MCAST li huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor? Jista' jgħid ukoll x'kienet l-età medja tagħhom?

12/03/2026

*	**35157.**	**L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm korsijiet offruti bħalissa miċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi, fl-Università ta' Malta?

12/03/2026

*	**35158.**	**L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li attendew korsijiet fiċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi, fl-Università ta' Malta fl-2025?

12/03/2026

*	**35159.**	**L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li kkwalifikaw miċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi fl-Università ta' Malta minn meta twaqqaf dan l-istitut, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-istudenti kienu mature students?

12/03/2026

*	**35160.**	**L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-istudenti li attendew korsijiet taċ-Ċentru għall-Arti Liberali u x-Xjenzi, fl-Università ta' Malta fl-2025 huma nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor? Jista' jgħid ukoll x'kienet l-età medja tagħhom?

12/03/2026

*	**35161.**	**L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati fondi għar-riċerka fl-astrofiżika f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

12/03/2026

*	**35828.**	**L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jittieħdu fondi mill-Planning Fund allokat għall-Kunsilli Lokali fil-proġett 'Beautiful Malta Initiative'?

16/04/2026

*	**35829.**	**L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jittieħdu fondi mill-Planning Fund allokat għall-Kunsilli Lokali fil-proġett 'Beautiful Malta Initiative'?

16/04/2026

*	**35830.**	**L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jindika b'mod ċar b'kemm huwa mistenni li jiżdied in-numru ta' spazji ta' parkeġġi ġodda bil-proġett propost f'Marsaskala? Jista' jgħid ukoll jekk bil-konfigurazzjoni proposta tal-bankina fiż-żona magħrufa bħala Tiffany's, il-vetturi xorta waħda ser ikunu jistgħu jipparkjaw f'din iż-żona?

16/04/2026

*	**35831.**	**L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk l-Inizjattiva Djar Affordabli hux qiegħda topera u jekk il-persuni li bdew japplikaw għaliha hux qed jibbenefikaw minnha?

16/04/2026

*	**35832.**	**L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jsir xi parkeġġ bil-permess tar-residenti fi Triq Antonio Maurizio Valperga fil-Fgura kif jitlesta l-proġett li hemm ippjanat fil-ħinijiet li dan ikun magħluq?

16/04/2026

* **35833.** **L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jsir xi parkeġġ bil-permess tar-residenti fi Triq Antonio Maurizio Valperga fil-Fgura kif jitlesta l-proġett li hemm ippjanat fil-ħinijiet li dan ikun magħluq?

16/04/2026

* **35888.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 34887 u jgħid kemm ġiet tiswa t-tnedija tal-Viżjoni 2050 f'Bieb il-Belt?

20/04/2026

* **35889.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 33959 u 35025 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 32806, jista' l-Ministru jgħid lil min kienet qed issejjaħ Dar it-Tama fi Triq Matty Grima, Bormla, f'dawn l-aħħar ħames snin?

20/04/2026

* **35890.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 32762 u 35026 u jgħid kemm hemm persuni Maltin, persuni barranin, u tfal jgħixu f'shelter homes minħabba li huma homeless?

20/04/2026

* **35891.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 32800 u 35027 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istatistika ta' kemm persuni kienu rikonoxxuti bħala homeless fis-snin 2023, 2024 u 2025?

20/04/2026

* **35892.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 34141 u jgħid kemm kien hemm ksur tal-GDPR minn entitajiet pubbliċi fl-2025 u x'passi ttieħdu?

20/04/2026

* **35893.** **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 34325 u jgħid bħala perjodu ta' żmien, kemm ilu għaddej l-itwal każ fil-Qorti tal-Familja?

20/04/2026

* **35925.** **L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid x'miżuri ttieħdu s'issa fir-rigward tal-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva (UE) 2024/825 tat-28 ta' Frar 2024 li temenda d-direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejba kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar?

21/04/2026

* **35926.** **L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 34986 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 33720 dwar safety audit ta' proġetti u toroq f'Għawdex, fejn ġie mwieġeb li: "s'issa, żewġ proġetti li saru mill-Ministeru għal Għawdex, qed isirilhom safety audit", jista' l-Ministru jgħid liema huma dawn iż-żewġ proġetti u meta (xahar u sena) beda jsirilhom is-safety audit dawn iż-żewġ proġetti?

21/04/2026

* **35927.** **L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-
Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-'Boring Works and Boulders fill for the creation of soakaway as Best Practice Quantity 120' u l-'Water Harvesting QTY 400' li kien hemm fil-Bill of Quantities tas-sejħa CfT: CT3007/2025 TENDER FOR THE UPGRADING OF RURAL ROADS IN A RESOURCE EFFICIENT MANNER – WIED JUNU, GHAJN ABDUN AND TRIQ TA' SPITERI, L/O KERCEM AND SAN LAWRENZ, GOZO sarux u jekk le għaliex għadhom ma sarux u meta se jsiru?

21/04/2026

* **35928.** **L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm persuni applikaw għall-aħħar sejħa ta' ingaġġ ta' Tradesperson 1 mas-Servizz Pubbliku ta' Malta sad-data tal-għeluq, is-6 ta' Frar 2026? Jista' jgħid ukoll fiex wasal il-proċess ta' din is-sejħa?

21/04/2026

* **35929.** **L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-
Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 34191 u 35224 u jgħid jekk hemmx ħsieb li l-irwol ta' Court Attorney, li issa ilu 'l fuq minn għaxar snin li ġie introdott fis-sistema ġudizzjarja tagħna u m'għadux aktar esperiment:
i. jiddaħħal u jiġi stabbilit b'mod konkret fil-liġi biex b'hekk jiġu regolarizzati fil-liġi tagħna l-funzjonijiet, il-ħatra u t-tneħħija mill-kariga tal-Court Attorneys u jekk iva, meta; u
ii. li l-Court Attorneys jingħataw kuntratt ta' servizz għal żmien indefinit wara li jkunu għamlu erba' snin fl-impjieg tagħhom, hekk kif kien ġie propost fil-Miżura 56 tar-Rapport tal-Kummissjoni għal Riforma Ħolistika fil-Qasam tal-Ġustizzja (Novembru 2013), minflok il-kuntratt ta' servizz definit għal tliet snin b'raġuni oġġettiva, illi qegħdin jingħataw bħalissa u jekk iva, meta?

21/04/2026

* **35930.** **L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 35081 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 34251, dwar jekk sarux xi ħlasijiet a tenur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.37 - Regolamenti Dwar Ħlasijiet Għad-Dritt Ta' Mogħdija Għal Utilitajiet u Servizzi, matul is-sena 2025, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm xi ħlasijiet li kienu dovuti għal dik is-sena jew is-snin ta' qabel u li l-ħlas tagħhom kien għad irid isir jew kien qed jiġi kontestat?

21/04/2026

* **35940.** **L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jgħid kif ser ikunu mogħtija sapport il-persuni li ser ikunu qed jidħlu għat-tmexxija ta' Cat Cafè?

21/04/2026

* **35941.** **L-ONOR. JANICE ABELA CHETCUTI** staqsiet lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jgħid fuq liema kriterji jintgħażel post biex isir cat cafè? Jista' jgħid ukoll fuq liema kriterji jintgħażlu u jiġu aċċettati l-persuni li jkunu ser imexxu cat cafè?

21/04/2026

* **35947.** **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 35851 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 34035, fejn ġejt riferuta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 32119, jista' l-Ministru jipprovdi l-informazzjoni li ma kinitx laħqet inġabret għas-sena 2025? Kemm minn dawn il-liċenzji nħarġu lil persuni Maltin, u kemm lil persuni mhux Maltin? Minn liema pajjiżi huma l-persuni mhux Maltin li nħarġitilhom il-liċenzja tas-sewqan u x'inhu n-numru ta' liċenzji maħruġa, maqsuma skont in-nazzjonalità? Jista' jgħid ukoll jekk tinżammx statistika tal-etajiet ta' dawk li tinħarġilhom il-liċenzja?

22/04/2026

* **35959.** **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proprjetà tal-Gvern għaddiet b'kirja jew ċens lill-kunsilli lokali, bejn l-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll liema kunsilli ngħataw dawn il-proprjetajiet mill-Awtorità tal-Artijiet, u f'kull każ jgħid liema proprjetà u lil liema kunsill?

23/04/2026

* **35960.** **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu jara li l-istatwa ta' San Pawl fuq il-Gżejjer ta' San Pawl, terġa tiġi floodlit bħalma kienet għal diversi snin fil-passat?

23/04/2026

*        **35961.**        **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol sar fil-bajja ta' Buġibba (wara l-breakwater), matul dawn l-aħħar ġimgħat? Jista' jgħid ukoll jekk hux ser jonqsu jew jiżdiedu l-faċilitajiet ta' rbit ta' dgħajjes f'din il-parti ta' Buġibba? Jekk ser jonqsu, kemm ser ikun it-tnaqqis u jekk ser jiżdiedu, kemm ser jiżdiedu l-faċilitajiet u kif se jiġu allokati?

23/04/2026

*        **35962.**        **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Jista' l-Ministru jgħid jekk is-swimming zone fl-inħawi tas-Sirens Waterpolo Pitch hix ser terġa' lura għad-daqs li kienet qabel ma l-area ġiet użata mid-dgħajjes tat-turisti?

23/04/2026

*        **35963.**        **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid fuq liema knejjes u kappelli qed isir restawr permezz ta' għajnuna finanzjarja minn dipartimenti/awtoritajiet tal-Gvern? Jista' jgħid ukoll b'liema skemi qed isir dan ir-restawr?

23/04/2026

*        **36011.**        **L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jgħid xi prekawzjonijiet ser jittieħdu f'pajjiżna f'każ ta' ikel, ġwież u prodotti oħra impurtati, speċjalment fl-ajruport u portijiet tagħna, peress li f'Ċipru ħarġet il-marda tal-ilsien u dwiefer?

24/04/2026

*        **36015.**        **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 35878 u jgħid kif id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ħareġ numru tas-sigurtà soċjali lil persuna mhux awtorizzata li tuża l-proprjetà li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament? Jista' jgħid ukoll min se jinżamm responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni u x'passi se jittieħdu biex l-użu mhux awtorizzat ta' dan l-indirizz residenzjali jitwaqqaf immedjatament?

24/04/2026

*        **36022.**        **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2026?

24/04/2026

*	**36023.**	**L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2026?

24/04/2026

*	**36024.**	**L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2026?

24/04/2026

*	**36025.**	**L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2026?

24/04/2026

*	**36026.**	**L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2026?

24/04/2026

*	**36027.**	**L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru kkonċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul April 2026?

24/04/2026

*	**36038.**	**L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35861, jista' l-Ministru jgħid min hija l-persuna jew l-entità li offriet il-fire blankets b'donazzjoni?

24/04/2026

*	**36039.**	**L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B'referenza għall-ittri li ntbagħtu reċentement mid-Direttur Ġenerali (Pensjonijiet Servizzi) dwar il-pensjoni tas-servizz, jista' l-Ministru jgħid għalfejn dawn l-ittri ntbagħtu lil kull min għalaq il-25 sena servizz, inkluż lil dawk il-persuni li mhumiex eliġibbli għalissa?

24/04/2026

*	**36040.**	**L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

B'referenza għall-ittri li ntbagħtu reċentement mid-Direttur Ġenerali (Pensjonijiet Servizzi) dwar il-pensjoni tas-servizz, jista' l-Ministru jikkonferma li l-eliġibilità hija marbuta biss mal-għeluq tal-età tal-pensjoni, u mhux mal-għeluq ta' 25 sena servizz?

24/04/2026

*	**36041.**	**L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika

Tista' l-Ministru tgħid meta ser jitnaddaf il-ġenb tat-triq u jitneħħa ż-żrar imxerred fit-triq qabel tibda n-niżla ta' Miġra l-Ferħa, limiti tar-Rabat, Malta (ritratt mibgħut separatament), għaliex huwa ta' periklu għal kull min juża din it-triq, speċjalment għas-sewwieqa tal-muturi?

24/04/2026

*	**36042.**	**L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Prim Ministru

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 35378, jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hemmx inkjesta miftuħa kontra l-persuna msemmija fl-ittra, li qed tintbagħat separatament u li ntbagħtet lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru mill-individwu kkonċernat? Jekk saret inkjesta, jista' jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra? Jekk ma saritx inkjesta, jista' jgħid x'qed isir biex jiġi riżolt il-każ ta' din il-persuna?

24/04/2026

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Diskussjoni Ġenerali mingħajr vot dwar ir-Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-sena 2024 – (Kont.)

2. Abbozz Nru 174 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

3. Abbozz Nru 175 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet fir-rigward tad-Diżabilità – Tieni Qari – Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat

4. Abbozz Nru 177 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar ir-Reġistru Pubbliku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

5. Abbozz Nru 171 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Armi – Tieni Qari - Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol

6. Abbozz Nru 64 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

7. Abbozz Nru 143 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp – Tieni Qari – Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar

8. Abbozz Nru 144 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

9. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra bi rwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

10. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

11. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni

12. Abbozz Nru 164 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni – Tieni Qari – Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

13. Abbozz Nru 163 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku – Tieni Qari – Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

14. Abbozz Nru 179 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriża Soċjali – Tieni Qari – Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi

15. Mozzjoni Nru 466 – Estimi tad-Dħul u Nfiq tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026 – Votazzjoni

**ELEANOR SCERRI**

**27 ta' April 2026** **SKRIVAN TAL-KAMRA**

## KUMITATI PERMANENTI

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej se jiltaqa' nhar it-**Tlieta, 28 ta' April 2026, fl-4.30 p.m** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Diskussjoni dwar ir-Rapport Annwali 2025 tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta skont is-sub-artiklu (2) tal-artiklu 7 tal-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515); u
3. Affarijiet oħra.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **l-Erbgħa, 29 ta' April 2026, fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Kontinwazzjoni tal-Investigazzjoni fuq ir-Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika f'Awwissu 2025 bl-isem *The Government's rescission of restrictions on the site of the Fortina Hotel*.

### LAQGĦA KONĠUNTA
### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-INFORMATIKA, TEKNOLOĠIJA U INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI
### U
### KUMITAT PERMANENTI DWAR IS-SAĦĦA

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali u l-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa se jiltaqgħu nhar **it-Tlieta, 5 ta' Mejju 2026 fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Diskussjoni dwar l-Istrateġija Diġitali għas-Saħħa; u
2. Affarijiet oħra.

### KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Abbozz Nru 172 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Iskrinjar tal-Investiment Dirett Barrani – Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi
Abbozz Nru 178 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Ġlieda kontra s-Solitudni u t-Tisħiħ tal-Benesseri tas-Soċjetà – Onor. Ivan Bartolo

### KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI AĠĠUNT

Abbozz Nru 147 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta – Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**27 ta' April 2026**